TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT22/23/DS**

**Josephine Cutajar**

**Vs**

**Go Sicily Travel by Mario Spiteri**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu talbet rifużjoni ta' erbgħa u sebgħin Ewro (€74) illi kien mgħoddi mir-Ryan Air lill-intimat f'isimha (bħala t-*tour leader* li ħa ħsieb t-tour li kienet fuqu) wara ili minħabba *strike* il-linja tal-ajru kkancellat titjira minn Trapani għall-Malta, liema rifużjoni ma ġiex mgħoddi lilha;

Ra illi s-Sur Spiteri għall-Go Sicily Travel debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavola risposta entro t-terminu impost mill-liġi fejn ċaħad it-talba attriċi bħala infondata fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament u t-trattazzjoni tagħhom.

## Ikkunsidra

Illi għalkemm intqalu ħafna affarijiet waqt din il-kawża dan it-Tribunal ser jillimita ruħhu għall-punti strettament relatati mat-talba tal-attriċi. Primarjament ta' min jgħid illi l-attriċi marret tour mal-Go Sicily Travel by Mario Spiteri u ma bbukjatx btala

għal rasha mal-linja tal-ajru RyanAir w'għaldaqstant in-ness ġuridiku tal-attriċi huwa mal-kumpanija intimata u ħadd iżjed;

Dan it-Tribunal limitatament għall-iskrutinju tal-fatti dwar jekk dan l-ammont huwiex riżarċibbli mill-linja tal-ajru, *stante* illi dan it-Tribunal huwa wkoll dovut jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu ibbażati fuq l-ekwita', komunkwe jinnota illi mhux talli huwa riżarċibbli, talli huwa inkontestat illi ġie riżarċit *stante* illi f'qasir żmien ir-RyanAir ikkreditaw il-*Wallet* tal-Go Sicily Travel bl-ammont rikjest;

Illi l-Go Sicily Travel pero' fir-risposta tagħha dwar dan il-punt tgħid illi *"... aħna ma stajniex u ma nistgħux nagħmlu użu min dan il-kreditu minħabba l-kundizzjonijiet li jagħmlu r-RyanAir f'dan ir-rigward"* u cioe' li *"If you use your wallet balance to make a booking, please note the named person who received the refund must also be a passenger on your new booking."* Dan ma jfissirx pero' illi l-ammont akkreditat irid jiġi utilizzat bilfors billi jsir *booking*. Fil-fatt il-kreditu jista' jitħallas fi flus u fil-fatt ċertu passiġġieri kienu diġa rċevew il-flus mitluba tramite l-Go Sicily Travel wara illi tħallsu mir-RyanAir. Dan it-Tribunal għaldaqstant huwa sudisfatt illi anki fuq bażi ta' ekwita' il-kumpanija intimata mhux ser tispiċċa f'pużizzjoni li tħallas flus li qatt mhu ser jaslu għandha.

It-Tribunal f'dan l-istadju tiġbed l-attenzjoni għall-punt numru 10 fir-risposta tal-kumpanija intimata illi jgħid *"... jidher li r-rikorrenti qed jibqgħu jippersistu li refund ta' titjira kancellata kawza ta' azzjoni industrijali u allura dovuta mingħand l-airline iriduha akkost ta' kollox mingħandna"*. Fil-fatt huwa fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal illi l-attriċi li qiegħda tippretendi propju dan għandha raġun għaliex hija m'għamlet l-ebda kuntratt mal-linja tal-ajru direttament. Il-kuntratt li għamlet kien propju mal-kumpanija intimata w'għaldaqstant hija lill-imsemmija kumpanija illi hija trid titlob mingħandha rifużjoni. Jekk il-kumpanija intimata ma tiġix rifuża mill-kumpanija tal-ajru jew tiġi rifuża b'mod illi għalkemm ikkreditata l-flus jaslu għandha tardivament (kif qiegħda tallega), dak għandha tarah hi fi proċeduri appożiti kontra l-imsemmija kumpanija tal-ajru li magħha għandha n-ness ġuridiku u mhux l-attriċi.

Finalment illi l-kumpanija intimata infurmat lill-attriċi illi jekk trid tmur safra oħra mar-RyanAir setgħet tutilizza l-kreditu m'hijiex l-istess ħaġa daqs li kieku wieħed qiegħed jgħid illi neċessarjament irid isiefer mal-Go Sicily Travel u dan it-Tribunal huwa moralment konvint illi din l-alternattiva ingħatat lill-attriċi mingħajr intenzjonijiet qarrieqa iżda sempliċiment bħala mod kif jista' tiġi riżolt l-*impasse* illi hija ħasset li kien hemm rigwardanti l-ħlas meta kienet taħt l-impressjoni illi l-attriċi kellha titħallas direttament mill-linja tal-ajru.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna l-kumpanija intimata tirrifondi s-somma ta' erbgħa u sebgħin Ewro (€74) f'depożitu lill-attriċi b'mod immedjat.

Bl-ispejjes kontra l-istess kumpanija intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**